



Brussell, 9 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

12331/1/25  
REV 1 ADD 1

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0124 (COD)

---

---

MI 605  
ENT 149  
ENV 786  
CHIMIE 76  
IND 321  
CONSOM 159  
SAN 530  
CODEC 1183  
*PARLNAT*

#### DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

---

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar deterġenti u aġenti tensjoattivi, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Diċembru 2025

---

## **I. INTRODUZZJONI**

1. Fit-28 ta' April 2023, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deterġenti u aġenti tensjoattivi, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004.<sup>1</sup>
2. Il-Proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
3. Fl-14 ta' Ġunju 2023, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel tal-Parlament Ewropew (ENVI) ħatar lis-Sa Manuela Ripa (Ħodor, DE) bħala r-rapporteur għall-proposta. Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) tal-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fl-24 ta' Jannar 2024. Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija ddeċieda li ma jagħtix opinjoni. Il-Kumitat ENVI vvota rigward ir-rapport finali tiegħu dwar il-proposta fl-14 ta' Frar 2024, li ġie adottat fil-plenarja fis-27 ta' Frar 2024 bħala l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari. Sa mill-bidu taċ-ċiklu leġiżlattiv il-ġdid, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) tal-Parlament Ewropew ħatar lis-Sa Majdouline Sbai (Ħodor, FR) bħala r-rapporteur għall-fajl.
4. Fit-12 ta' Lulju 2023, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta<sup>2</sup>.
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Sikurezza Perikolużi - Prodotti Kimiċi) beda l-eżami tal-proposta fis-16 ta' Mejju 2023 taħt il-Presidenza Żvediża. Minn dak iż-żmien 'l hawn, saru 14-il laqgħa addizzjonali tal-Grupp ta' Ħidma taħt il-Presidenza Spanjola u Belġjana, Ungeriża u dik Pollakka.

---

<sup>1</sup> 8904/23 + ADD 1-7.

<sup>2</sup> 12179/23.

6. Wara l-eżami tat-test f'għabriet taħt il-Presidenza Belġjana, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti adotta l-mandat tal-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2024.
7. In-negozjati interistituzzjonali bdew bl-ewwel trilogu fit-28 ta' Jannar 2025 taħt il-Presidenza Pollakka. It-tieni u t-tielet trilogi saru fis-6 ta' Mejju 2025 u fl-10 ta' Ġunju 2025 rispettivament. Fl-aħħar trilogu fl-10 ta' Ġunju 2025, intlaħaq ftehim proviżorju bejn il-koleġiżlaturi.
8. Il-Kumitat ENVI tal-Parlament Ewropew ivvota favur it-test maqbul fil-15 ta' Lulju 2025. Konsegwentement, il-President tal-Kumitat ENVI indirizza ittra lill-Presidenza fejn indika li, jekk il-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari f'konformità mal-ftehim proviżorju ġenerali maqbul, huwa jirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament.

## **II. OBJETTIV**

9. L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li tissimplifika u timmodernizza l-qafas legali li d-deterġenti jeħtieġ li jikkonformaw miegħu sabiex jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni u jiċċirkolaw liberament fih, li toħloq il-bażi legali għal prodotti innovattivi ġodda bħal deterġenti li fihom mikroorganiżmi, li tħeġġeġ prattiki ġodda sostenibbli bħall-bejgħ tar-rikariki tad-deterġenti, kif ukoll li tintroduċi tikkettar diġitali u l-Passaport Diġitali tal-Prodotti għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi.

## **III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI**

10. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha l-elementi ewlenin li ġejjin, li dwarhom intlaħaq ftehim bejn il-koleġiżlaturi:

11. Rigward ir-rekwiżiti tal-bijodegradabbiltà, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kriterji tal-bijodegradabbiltà, l-ewwel għal riti polimeriċi li jinħallu fl-ilma użati biex jinkapsulaw id-deterġenti u għall-polimeri kollha f'tali riti, u fit-tieni stadju għal sustanzi organiċi oħra użati f'konċentrazzjoni għolja fid-deterġenti, li jirrappreżentaw mill-anqas 10 % tal-prodott, minbarra l-ilma. Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, b'approċċ gradwali u progressiv, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll il-fattibbiltà li jiġu introdotti kriterji tal-bijodegradabbiltà għas-sustanzi organiċi preżenti f'konċentrazzjonijiet aktar baxxi minn 10 % jew li jitnaqqas dan il-limitu minimu. L-iskadenzi għar-riti u l-polimeri huma stabbiliti kif ġej: għal riti użati biex jinkapsulaw id-deterġenti: 3 snin (mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament il-ġdid dwar id-Deterġenti) għall-adozzjonijiet ta' atti delegati u 6 snin biex il-prodotti jikkonformaw ma' rekwiżiti ġodda; u għal ingredjenti organiċi oħra: 5 snin għall-adozzjoni ta' atti delegati u 8 snin għall-konformità tal-prodotti.
12. Rigward il-fosfati u komposti oħra tal-fosforu, il-Kummissjoni meħtieġa tagħmel valutazzjoni fi żmien sentejn dwar il-fattibbiltà li jitnaqqsu aktar il-valuri ta' limitu għal dawn l-ingredjenti fid-deterġenti u li tiġi estiża l-firxa ta' deterġenti koperti minnhom.
13. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha l-kompitu li tivvaluta, bħala parti minn rieżami ġenerali fi żmien 7 snin, il-possibbiltà li tkompli tillimita l-kontenut tal-fosforu jew iżżid limitazzjonijiet għall-kontenut tal-fosforu fuq kategoriji addizzjonali ta' deterġenti, bil-ħsieb li teżamina l-fattibbiltà tat-tneħħija gradwali tal-fosforu, filwaqt li tqis l-impatt fuq l-ambjent, id-disponibbiltà ta' alternattivi u l-impatt soċjoekonomiku tas-sostituzzjoni. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni ser takkumpanja ż-żewġ analiżijiet bi proposti leġiżlattivi.
14. Huwa pprojbit li jitqiegħdu fis-suq deterġenti u aġenti tensjoattivi li kienu s-suġġett ta' ttestjar fuq l-animali, madankollu, huwa permess l-użu ta' data storikament disponibbli.

15. Rigward il-komunikazzjoni tal-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti, biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, minħabba d-disponibbiltà wiesgħa ta' tali prodotti u r-riskju għoli ta' avvelenament aċċidentali, huwa inkluż rekwiżit li l-manifatturi u, fejn applikabbli, l-importatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħhom jipprovdu skeda tad-data dwar l-ingredjenti qabel ma l-prodotti jitqiegħdu fis-suq, billi jużaw il-kanali ta' komunikazzjoni eżistenti tal-ECHA.
16. Rigward ir-rappreżentanti awtorizzati, id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma allinjati mal-approċċ tal-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid, filwaqt li jestendu l-obbligi tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifatturi stabbiliti barra mill-UE biex jiżguraw id-disponibbiltà tal-informazzjoni kollha meħtieġa għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jivverifikaw li t-tikkettar jikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament.
17. Id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament il-ġdid ġiet stabbilita għal 42 xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

#### **IV. KONKLUŻJONI**

18. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti bis-siġħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffaċilitat mill-Kummissjoni.
19. Il-Kunsill għalhekk jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-eżitu tan-negozjati u li, ladarba jiġi adottat, ir-Regolament dwar id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi ser joħloq qafas legali modern u simplifikat li jeħtieġ li d-deterġenti jikkonformaw miegħu sabiex jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni u jiċċirkolaw liberament fih.